**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU TLETTAX**

**8 ta' ĠUNJU, 2011**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, Viċi Chairperson Maria Schembri, u l-membri Joseph D'Amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda.

**13.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

13.1.1 Fir-rigward ta' punt 12.2.1 kien hemm qbil li l-laqgħa mal-Perit Bezzina fuq alternattiva ta' post ieħor għal zebra crossing fi Vjal l-Indipendenza, issir nhar t-Tlieta 14ta' Ġunju, 2011.

Il-bellishia lights ta' Vjal l-Indipendenza k/m Triq Bubaqra ser isiru fil-ġimgħa li ġejja wara li jkun hemm il-permess meħtieġ mit-TM.

13.1.2 Fir-rigward ta' punt 12.6.4 fejn kien sar ilment fuq tower crane li ilu armat fi Triq Hompesch mingħajr permess, ġie nnutat li dan il-*crane* tneħħa wara li reġa sar ilment lill-pulizija.

Membri tal-kumitat staqsew x'passi ttieħdu mill-pulizija fuq il-kontravenzjoni li saret, u jekk sid il-*crane* ħallasx taż-żmien li kien għarmat mingħajr permess. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma ġietx infurmata.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġiet mitluba tikkuntatja lill-ispettur tal-pulizija u titlob l-informazzjoni.

13.1.4 Il-minuti tas-seduta numru 12 ġew approvati.

***13.2 Kommunikazzjoni miċ-Chairperson***

13.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia rringrazzja lill-membri kollha tal-Kumitat Amministrattiv tal-għajnuna li taw biex fl-attivita' kulturali tat-Tieġ Tradizzjonali Malti.

Hu ssuġġerixxa li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lis-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM tal-koperazzjoni f'din l-attivita'.

Issuġġerixxa ukoll li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lil-erba' residenti minn Bubaqra li daħlu għall-kompetizzjoni tal-isbaħ faċċata.

Il-membru Joseph Caruana ssuġġerixxa li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lil min offra l-*barriers* għall-okkażjoni.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li l-Kumitat xtara 3 DVDs bir-ritratti tal-attivita. Il-ħlas ser jinqasam bejn il-Kumitat u s-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina, dan ġej jammonta għal-madwar €80. Dawn id-DVDs ser jitqassmu lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, lit-TM u wieħed għall-Kumitat Amministrattiv.

Kien hemm qbil fuq dan kollu.

Kien hemm qbil li għall-attivita' attendew ħafna nies u li kienet suċċess.

13.2.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia rrefera għall-ilment li għamel resident biex isiru double yellow lines fi Triq Dun Salvatore Magri għaliex vetturi qed jipparkjaw b'tali mod li jimblukkaw l-aċċess tal-garaxxijiet.

Kien hemm qbil li tintalab l-approvazzjoni tat-TM biex fit-triq isir double yellow line tul it-triq kollha man-naħa tax-xellug int hu nieżel minn Triq is-Sardinell għal Triq Dun Salvatore Magri (man-naħa tar-residenti).

Kien hemm qbil ukoll li jiġu nfurmati l-wardens fuq kontravenzjonijiet li qed isiru fi Triq San Bastjan – vetturi qed jipparkjaw fil-kantuniera.

Kien hemm qbil ukoll li tintbagħat reminder lit-TM fuq it-talba li għamel biex Triq Dun Salvatore Magri ssir one

way.

13.2.3 Kien hemm qbil li titwaħħal tabella 'No Entery for heavy vehicles' fi Triq Santa Marija fil-parti d-dejqa, qabel tidħol għal fejn iċ-ċimiterju u mera viċin iċ-ċimiterju.

13.2.4 Kien hemm qbil li fuq talba li għamlet residenta fi Triq Santa Marija fil-parti ta' viċin il-pjazza, biex tinqala' tabella li turi vleġġa għax din tinsab mar-residenza tagħha u ser tagħmel xi xogħol ta' kostruzzjoni fiha, l-Kumitat ineħħi tali tabella ftit qabel ma jinbeda x-xogħol.

13.2.5 Kien hemm qbil ukoll li ssir tabella 'No Entery for heavy vehicles' fi Triq Sant Agatha k/m Triq Santa Marija.

13.2.6 Kien hemm qbil li terġa tintbagħat reminder lill-Arċipriet fuq il-manutenzjoni tal-istatwa ta' Santa Marija f'Bubaqra.

***13.3 Festa Bubaqra***

13.3.1 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri ssuġġeriet li ssir festa f'Bubaqra fejn jiġu nvoluti l-iscouts. Hi ssuġġeriet ukoll li l-Kumitat Amministrattiv jinvolvi lin-Nassaba Bar li hemm fil-Misraħ Santa Marija u wara jagħti donazzjoni għall-party tal-Milied għat-tfal.

Il-Membru Annetto Bugeja ssuġġerixxa li ssir wirja tal-għodod.

Kien hemm qbil li ċ-Chairperson u l-membru Annetto Bugeja jitkellmu ta' sid Nassaba Bar u joffrulu l-proposta.

Kien hemm qbil li f'seduta oħra jiġi mistieden jagħti l-veduti tiegħu.

Ġie ssuġġeriet li Festa Bubaqra ssir fis-7 jew fit-8 ta' Awwissu li ġej.

***13.4 Skema ta' Finanzi***

13.4.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ġibed l-attenzjoni ta' Memo 43/2011 Skema ta' Finanzjamenti speċjali gas-sena 2011. Innota skema numru 3. – Attivitajiet Kulturali u skema numru 9 – Proġett ta' €20,000 iffinanzjat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

13.4.2 Kien hemm qbil li fuq skema –Attivitajiet Kulturali terġa tintbagħat ittra ta' stedina lill-għaqdiet kollha taż-Żurrieq

biex jissottomettu l-idejat tagħhom.

13.4.3 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ssuġġerixxa li għal skema ta' proġett ta' €20,000, il-Kumitat Amministrattiv għandu jitlob stima ta' wiċċ ġdid lil parti minn Triq in-Nigret u parti minn Triq it-Torri.

Kien hemm qbil fuq dan.

### *13.5 Stemma Reġjonali u Amministrattivi*

13.5.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li s-Sur Robert Zahra, l-persuna li ser tagħmel id-disinn tal-istemma ser tlesti x-xogħol din il-ġimgħa.

Kif ikollu x-xogħol iressqu għall-attenzjoni ta' kull membru tal-Kumitat Amministrattiv biex jagħtu l-aprovazzjoni tagħhom u l-proċess ikun jista' jitkompla.

### *13.6 Ilmenti u Suġġerimenti*

13.6.1 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri talbet lis-Segretarju Eżekuttiv biex terġa tibgħat reminder lill-Green Mt biex jissupplixxi l-video tas-CCTV li hemm fejn il-BIS għaliex xorta waħda hemm xi residenti li qed jitfgħu l-iskart ħdejhom. Dan kollu ħalli jekk jintaraf min qed jitfa' l-iskart ħdejn il-BIS jiġi mħarrek.

13.6.2 Il-Viċi Chairperson qalet li residenti ta' Triq l-Iskulturi ilhom ġimgħa li rrappurtaw bozza maqtugħa u din għada ma ssewwietx.Amministrattiv jitlob għall-permessi meħtieġa.

13.6.3 Il-Viċi Chairperson talbet biex issir reminder lit-TM fuq marki tat-toroq li kellhom isiru fit-toroq b'tarmakk ġdid li għamlet it-TM u jiżdied il-kliem li l-Kumitat Amministrattiv mhux ser iżomm ruħu responsabbli għal xi inċident li jista jinqala.

13.6.4 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia staqsa lill-membru Joseph D'Amato f'hix waslu l-proġetti ta' Triq il-Qiegħa u ta' Triq in-Nigret.

Il-membru Joseph D'Amato qal li fi Triq il-Qiegħa hemm arblu tal-Enemalta li għad irid jinqala. Kif jinqala ssir bit-tarmakk il-parti tat-triq li jonqos.

Il-membru Joseph D'Amato qal li l-Kunsill ser jibda xogħol

fil-post rikreattiv ta' Triq in-Nigret, l-ewwel u wara jekk jibqa fondi jinbeda l-proġett ta' Triq il-Qiegħa.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia bi qbil ma' dawk preżenti qal li jekk il-Kunsill Lokali ma jibqalux fondi biex jagħmel il-proġett ta' Triq il-Qiegħa, l-Kumitat Amministrattiv inaddaf l-akwata u jutilizza l-akwata b'mod ieħor, biex ma tkomplix tkun ta' inkonvenjent għar-residenti tal-akwata.

13.6.5 Il-membru Jospeh D'Amato qal li xi residenti ilmentaw fuq vetturi li jipparkjaw fil-kantuniera ta' Triq San Martin.(fil-liwja). Hu ssuġġerixxa li jsir double yellow line biex jonqos il-periklu għall-vetturi.

Kien hemm qbil li tintalab l-approvazzjoni tat-TM, permess ta' ritratti li jindikaw il-każ u site plan.

13.6.6 Il-membru Joseph Caruana qal li ġie avviċinat minn-resident li joqgħod fi Triq St Agatha k/m Triq Santa Marija, fejn talab li ssir bollard bil-konkos minħabba li l-vetturi qed jolqulu l-faċċata tad-dar. Dan ir-resident offra li jagħmel ix-xogħol a spejjeż tiegħu. Kien hemm qbil li s-Sur Joseph Caruana ifiehem lir-residenti kif għandu jagħmel ix-xogħol.

13.6.7 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ssuġġerixxa li jinxtara bin tal-ħmieġ tal-klieb u jitwaħħal fi Triq Santa Fawstina fejn ġie vandalizzat.

13.6.8 Il-membru Joseph Caruana qal li fi Triq Dun Nard Mallia sar ħafna xogħol ta' patching bla bżonn. Hu qal li talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jiġi avżat hu jew il-membru Joseph D'Amato meta jkun tiegħla l-kuntrattur.

Kien hemm qbil li tinkiteb email lill-kuntrattur b'dan il-kontenut.

13.6.9 Il-membru Joseph Caruana qal li x-xogħol ta' marki tat-toroq ippjanat li ser isir f'Bubaqra bl-ammont ta' €933.58 ma sarx kollu. Għandu jintalab ix-xogħol imwiegħed.

***13.7 Appuntament għas-seduta li jmiss***

13.7.1 Id-data tas-seduta li jmiss fuq qbil bejn il-membri kollha ser issir nhar it-Tnejn l-4 ta' Lulju, 2011 fil-5.30 ta' filgħaxija.

13.7.2 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-*item* fuq l-aġenda fit-8.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta’ Lulju, 2011.

| | |
|---|---|
| Pierre Farrugia | Josianne Cilia Mumford |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |